MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 91/2000/1

**Avviz numru 91/2000**

**Joseph Agius ezercenti l-kummerc bl-isem Aquarius Rent-A-Car**

**-vs-**

**Saviour Grech**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz ta' l-attur fejn talab li l-konvenut jigi kkundannat ihallsu s-somma ta' tliet mija u tnejn u erbghin lira Maltin u hamsa u erbghin centezmu (Lm342.45), ammont rapprezentanti hlas dovut ghall-kiri ta' karozza maghmul mill-konvenut in konnessjoni man-negozju ta' "Jeeptour Gozo" minnu ezercitat f'dawn il-gzejjer, liema hlas baqa' ma sarx.

Bl-ispejjez u  interessi kummercjali mid-data li fih gie rez is-servizz sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Saviour Grech fejn ecepixxa:

1. illi huwa m'ghandu jaghti xejn lill-atturi stante illi huwa qatt ma kera xi vettura minghand l-atturi.

2. Illi kienet Marjan Hoogkamer illi kriet din il-vettura u kienet l-istess Hoogkamer li ffirmat il-kuntratt ta' kera u ghamlet uzu mill-istess vettura.

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Semghet il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur jiggestixxi socjeta' bl-isem "Aquarius Rent-A-Car", li kif deducibbli mill-isem stess, topera negozju ta' kiri ta' karozzi.  Difatti l-ammont minnu pretiz jirrapprezenta import ta' xahrejn kiri ta' vettura relattivament il-perjodu  Settembru sal-ahhar ta' Ottubru 2001 bir-rata ta' hames liri u hamsa u erbghin centezmu (Lm5.45) kuljum.  Ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' l-effettiva kirja u l-perjodu bilancjali ma jidhirx li jista' jkun hemm dubbju billi mix-xhieda u d-dokumenti esebiti l-istess jirrizultaw pruvati u lanqas il-konvenut ma jidher li hu jikkontestahom.  Il-problematika tqum dwar min hu responsabbli ghall-hlas dovut.  Fil-kuntest ta' dan il-konvenut jirrispingi kull responsabbilita.  Hu fuq dan il-fattur biss li jiddependi l-ezitu tal-kawza.

Illi a folio 13, markat dok JA, hemm esebit il-kuntratt li hu l-origini tal-kirja tal-Maruti Jeep, oggett tal-kirja f'din il-

kawza, liema kuntratt jispecifika taht l-intestatur fil-margi “Name of Hirer” lil certa Marjon Hoogkamer, li rrizulta mix-xhieda, hi ta’ nazzjonalita Olandiza u li meta kienet fil-gzira ta’ Ghawdex kienet tiggestixxi attivita konnessa ma’ giti f’Ghawdex bl-isem “Jeeptour Gozo”. Fil-kors tax-xhieda tieghu l-attur stqarr li lil din il-persuna kien jafha tajjeb. Zied ukoll li kienet hi li avvicinatu biex “nikrilha jeep ghal sena” fuq negozju li, skond kif qaltlu, kienet ser tittraprendi ma’ certu Sam Grech (l-attwali konvenut). Mid-dokument “General Ledger Statement” (folio 17) jirrizulta li l-kirja giet inizjata fid-9 ta’ Mejju ta’ dik is-sena ossija 2001.

Illi huwa fatt carament dokumentat li anke l-konvenut iffirma l-kuntratt fuq accennat. Dak li hu dibattibbli hu f’liema kapacita iffirma. Mill-kuntratt innifsu jirrizulta li l-konvenut hu mnizzel bhala “additional Driver”. Issa jekk iffirmax f’din il-kapacita, jew kif isostni hu, ghall-skopijiet ta’ l-assikurazzjoni, hu fil-fehma tal-Qorti ta’ rilevanza mariginali gia ladarba minn imkien ma rrizulta li ffirma bhala lokatur. Lanqas mal-Qorti tirriavvisa li jista’ jiggova lill-attur il-fatt li l-pagamenti kienu jsiru minnu u, kif donnu jirrizulta, minn kont bankarju appositament mahrug. Lanqas minn imkien ma rrizulta li l-konvenut agixxa bhala mandatarju, esplicitu jew tacitu tal-persuna Olandiza, fuq imsemmija. Anzi l-Qorti fuq dak li stqarr l-attur stess, hi konvinta li l-kirja saret, ukoll ghall-perjodu sostanzjalemnt twil, stante li lil Hoogkamer l-attur “kien jafha tajjeb”.

Illi oltre dan, il-provi ma waslux lanqas biex juru li l-konvenut citat ibbenefika mill-vettura fix-xahrejn in kwistjoni. Il-kontravenzjoni li semma l-attur u li tirrizulta mid-dok folio 17 gia citat, tirrizulta li saret f’xi perjodu tal-kirja fejn il-pagament ghal dak il-perjodu kien saldat u meta, skond kif ghandu jirrizulta mix-xhieda ta’ l-attur innifsu, Hoogkamer kienet qeghdha Ghawdex. Mill-kumpless tal-provi hu intuwibbli li l-import tax-xahrejn kirja mertu l-kawza jikkorrispondu ghall-perjodu wara li telqet l-imsemmija Hoogkamer izda minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut anke f’dan il-perjodu kien ibbenefika mill-uzu ta’ din il-vettura. Ghal ta’ l-inqas l-ebda prova lanqas f’dan il-

kuntest ma giet provduta mill-attur li fuqu kienet taqa' l-oneru tal-prova.

Inghad dan allura l-Qorti ma tarax li l-attur ipprova t-talba ghall-hlas minnu pretiz minghand il-konvenut. Kwindi u in vista ta' dan qeghdha l-Qorti tichad it-talbiet tieghu in kwantu dedotti kontra l-konvenut u dan bl-ispejjez gudizzjarji a karigu tieghu.

(ft.) Antonio Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------